# TBAĦĦIR

# TA’ KWALITÀ,



# IBĦRA AKTAR SIKURI

AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SIGURTÀ MARITTIMA

# WERREJ


1 DAĦLA

2 INTRODUZZJONI

4 AMBJENT — PROTEZZJONI TAL-AMBJENT
- It-trattament effettiv tal-iskart iġġenerat mill-bastimenti
- Tnaqqis tat-tniġġis tal-arja
- Kontroll tal-iskreppjar – min-nieqa sal-qabar
- Taħriġ u kooperazzjoni

6 BASTIMENTI U PORTIJIET — KONTROLL IMTEJJEB TAL-KOSTRUZZJONI U L-MANUTENZJONI
- Konsistenza fil-Kontroll tal-Istat tal-Port

8 BAĦĦARA — TAĦRIĠ KIF SUPPOST GĦALL-BAĦĦARA

10 RISPONS GĦAT-TNIĠĠIS — IL-ĠLIEDA KONTRA T-TNIĠĠIS MIŻ-ŻEJT

14 TRAFFIKU — INTRAĊĊAR TAL-BASTIMENTI U SORVELJANZA MARITTIMA MTEJBA

16 PROSPETTI GĦALL-2015





Iktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea tinsab fuq l-Internet. L-aċċess għaliha huwa possibli permezz tas-server Europa (http://europa.eu).
Fi tmiem din il-pubblikazzjoni hemm dejta dwar il-katalogar.

Liżbona: Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, 2009



© Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, 2009.
Għall-krediti tal-illustrazzjonijiet, ara fuq ġewwa tal-qoxra ta' wara.
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata sakemm jissemma s-sors oriġinali.

# DAĦLA

Merħba fl-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima. Dan il-ktejjeb għandu jgħinek twieġeb il-mistoqsijiet li ġejjin: 'X'inhi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)?', 'Għaliex twaqqfet?' u 'X'tagħmel?'

Biex nibdew, ikun xieraq li l-attivitajiet tal-Aġenzija jitpoġġew fil-kuntest usa' tas-sikurezza fuq il-baħar. It-trasport bil-baħar ta' ammonti kbar ta' merkanzija u ta' passiġġieri huwa attività perikoluża, anki meta tintuża t-teknoloġija moderna. Fil-passat riċenti, mietu mijiet ta' ċittadini tal-UE fi traġedji li jinvolvu bastimenti tat-tip 'ro-ro ferry' (l-Estonja, il-Herald of Free Enterprise u l-Express Samina). Eluf oħrajn korrew jew tilfu qraba jew ħbieb fuq il-baħar. Għal dawk li jqattgħu ħajjithom fuq il-baħar, ir-riskji huma saħansitra akbar. Il-baħħara huma ta' spiss esposti għar-riskju ta' mewt jew korriment.

L-inċidenti tat-tbaħħir jistgħu jaffettwaw il-ħajja ta' diversi persuni f'modi oħrajn ukoll. Għal bosta deċenni, ix-xtut tal-Ewropa batew l-effetti devastanti tat-tniġġis ikkaġunat miż-żejt mormi fil-baħar mill-bastimenti, aċċidentalment jew apposta. Il-merkanziji perikolużi qed ikunu dejjem aktar frekwenti, bl-għadd u d-daqs tal-bastimenti li jġorruhom dejjem jiżdiedu. Barra dan kollu, kull sena, l-ibħra tal-UE jaraw eluf ta' aċċidenti u inċidenti iżgħar li jinvolvu bastimenti. Fit-total tagħha, l-ispiża ekonomika attwali u potenzjali ta' dawn il-problemi kollha hija kbira ferm, f'ibħra li fihom, id-densità tat-traffiku qiegħda tiżdied.

Il-perikli tal-baħar mhumiex ġodda, u ħafna awtoritajiet – inkluża l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) u, aktar riċentement, l-istituzzjonijiet tal-UE - ilhom jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet għal bosta snin. Madankollu, sar fokus qawwi fuq il-kwistjonijiet tas-sikurezza marittima wara l-għarqa tat-tanker taż-żejt Erika, lilhinn mill-kosta ta' Franza fl-1999, u l-għarqa sussegwenti tal-Prestige 'il barra minn Spanja fl-2002. Dawn id-diżastri wasslu għad-deċiżjoni biex titwaqqaf organizzazzjoni ġdida tal-UE li tista' tagixxi bħala d-driegħ tekniku u operattiv ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fi ħdan l-UE. Din l-organizzazzjoni teħtieġ tindirizza l-ħafna sfidi differenti ta' sikurezza marittima identifikati kemm f'dak iż-żmien kif ukoll fil-futur.

F'dan l-isfond, fl-2003 twaqqfet l-EMSA. L-Aġenzija għandha l-għan li tipprovdi appoġġ u pariri tekniċi lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri f'ċerti oqsma ewlenija tas-sikurezza, u li tosserva l-mod kif l-Istati Membri u organizzazzjonijiet differenti qed jimplimentaw il-leġiżlazzjoni tal-UE.

Barra minn hekk, l-EMSA ingħatat ukoll inkarigi operattivi fil-qasam tar-rispons għat-tniġġis miż-żejt, il-monitoraġġ bis-satelliti u l-identifikazzjoni u l-intraċċar tal-bastimenti minn distanzi twal (long-range identification and tracking of vessels – LRIT). L-għan ġenerali huwa li tagħti kontribut sinifikanti għal titjib progressiv fis-sikurezza fl-ibħra tal-UE. Sabiex jintlaħaq dan il-għan, l-Aġenzija tikkoopera ma' ħafna interessi differenti u, b'mod partikolari, mal-istituzzjonijiet Ewropej, l-awtoritajiet tal-Istati Membri, il-korpi internazzjonali u l-industrija marittima.

L-inkarigu tal-Aġenzija huwa wieħed sinifikanti, meta wieħed iqis l-involviment kbir li għandha l-UE fit-trasport marittimu. Is-27 Stat Membru tal-UE għandhom 1200 port kummerċjali, u 100,000 kilometru ta' kosta. Minn dawn jgħaddi madwar 90% tal-kummerċ barrani tal-UE u madwar 40% tal-kummerċ ta' bejn il-pajjiżi tal-UE. 400 miljun passiġġier jgħaddu ta' kull sena mill-portijiet tal-UE. F'dan il-kuntest, hemm għadd dejjem jikber ta' tankers li jġorru volumi dejjem akbar ta' żejt u sustanzi noċivi oħra, li jgħaddu minn żoni sensittivi bħall-Baħar Mediterran, il-Baħar l-Iswed, il-Baħar Baltiku u l-Artiku.

Dan il-ktejjeb huwa introduzzjoni qasira għall-EMSA, u jagħti ħarsa ġenerali lejn l-aktar funzjonijiet u attivitajiet sinifikanti tagħha. Naturalment mhuwiex eżawrjenti u ħafna responsabilitajiet oħrajn ma jissemmewx. Biex tikseb aktar tagħrif dwar dak li nagħmlu, nistednuk iżżur is-sit tal-internet (www.emsa.europa.eu).

# INTRODUZZJONI

Matul dawn l-aħħar snin, il-globalizzazzjoni wasslet għal żieda fil-kummerċ dinji li min-naħa tiegħu wassal biex l-attività tal-bastimenti tal-merkazija żdiedet b'mod konsiderevoli. Bħalma jiżdied it-traffiku fuq il-baħar, hekk ukoll jikber il-bżonn għal aktar superviżjoni tas-sikurezza marittima.

Minkejja t-tnaqqis attwali fl-attività ekonomika, iktar bastimenti kienu qed iġorru merkanzija iktar milli kien il-każ fl-aħħar 20 sena. Il-ħtieġa ta' ġarr ta' oġġetti fuq is-swieq globali wasslet għal użu akbar ta' bastimenti eżistenti, u żdiedet id-domanda għal bastimenti ġodda u ekwipaġġ ikkwalifikat. Fl-2008, 22,752 bastiment tal-merkanzija żaru portijiet Ewropej, żieda ta' 'l fuq minn 3.9% meta mqabbla mal-2007. Ġie reġistrat 694,500 moviment fil-portijiet minn bastimenti li kienu qed ibaħħru fl-ibħra Ewropej fl-2008 ('il fuq minn 5.8% meta mqabbla mal-2007).

B'aktar minn 80% tal-kummerċ dinji jinġarr bil-baħar, it-trasport marittimu jibqa' s-sinsla tal-kummerċ internazzjonali. Għall-UE, l-esportatur l-iktar importanti fid-dinja u t-tieni l-akbar importatur, il-bastimenti tal-merkanziija jipprovdu servizzi ta' trasport bejn l-Ewropa u l-bqija tad-dinja u bejn il-pajjiżi terzi fir-reġjuni kollha madwar id-dinja. Huwa stmat li aktar minn tliet miljun persuna taħdem direttament fis-settur Ewropew ta' fuq il-baħar, li jiġġenera fatturat ta' madwar €200 biljun, b'valur miżjud li jlaħħaq madwar €100 biljun.

Minkejja li daz-zmien, l-ibħra tal-UE huma ġeneralment aktar sikuri milli fil-passat, ta' kull sena għadhom iseħħu mijiet ta' aċċidenti u inċidenti (Tabella 1). Sabiex dan ir-rekord ta' sikurezza jkompli jitjieb, huwa fundamentali li s-sikurezza marittima tkompli titjieb. Aċċidenti ripetuti komplew jiżdiedu b'mod stabbli fl-aħħar ftit snin, u jirriflettu ż-żieda fin-numru ta' bastimenti li jbaħħru u d-densità tat-traffiku tal-bastimenti. Illum, minbarra l-kundizzjonijiet ħżiena tat-temp, il-maġġoranza tal-aċċidenti huma marbuta ma' fatturi umani bħal nuqqas ta' taħriġ; livelli iktar baxxi fin-numru tal-ekwipaġġ u għeja, aspetti li qed jiġu indirizzati minn dawk responsabbli għas-sikurezza marittima. Fatturi oħrajn, bħat-tħassib dwar it-tibdil fil-klima, ħabitati marittimi u theddid għas-sigurtà qed jistabbilixxu l-aġenda politika għal-leġiżlaturi marittimi madwar id-dinja.

L-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI, www.imo.org) hija l-leġiżlatur globali. Hija aġenzija tal-Ġnus Magħquda li tlaqqa' flimkien 168 Stat dinji biex tistabblixxi l-aħjar tip ta' approċċ ħalli tiżgura attività tal-bastimenti tal-merkanzija li tkun sikura, ta' sigurtà u nadifa fil-qafas kompetittiv ta' industrija globali. L-Istati jirrappreżentaw l-interessi nazzjonali tagħhom, jiġifieri l-flotot tagħhom ta' bastimenti tal-merkanzija, u dawn huma ġeneralment deskritti bħala 'stati tal-bandiera'. L-Istati Membri tal-UE kollha huma rrappreżentati fl-OMI, li għandha s-sede tagħha f'Londra. L-OMI tistabblixxi r-regoli li jiddeterminaw kif il-bastimenti jinbnew, jinżammu, jitħaddmu, jiġu ekwipaġġati u fl-aħħarnett skreppjati.

Fil-livell tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea hija attiva bl-analiżi tar-regoli internazzjonali stabbiliti fl-OMI u kif dawn jiġu tradotti fi strumenti legalment vinkolanti u inforzabbli. Dan juri l-livell għoli ta' impenn li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri tal-UE għandhom lejn kwistjonijiet tas-sikurezza marittima. Minbarra li jiġi żgurat li l-bastimenti jinbnew, jinżammu u jitħaddmu skond ir-regoli internazzjonali, il-protezzjoni ambjentali hija wkoll kwistjoni urġenti għas-settur marittimu. Ix-xejriet fit-traffiku tal-bastimenti u l-merkanzija, flimkien ma' evidenza dejjem tikber dwar il-perikli ambjentali involuti u l-prattiċi industrijali li qed jinbidlu, qanqlu inizjattivi tabilħaqq meħtieġa sabiex jitnaqqsu t-tipi varji ta' tniġġis u emissjonijet mill-bastimenti.

Matul dawn l-aħħar snin, numru ta' inizjattivi dwar is-sikurezza marittima wasslu għal tnaqqis sinifikanti fit-tniġġis aċċidentali miż-żejt fl-ibħra tal-UE u madwarhom. Madankollu, huwa stmat li madwar 80% tat-tniġġis globali mill-bastimenti joriġina minn emissjonijiet marbuta mal-operat. Ħafna minn dawn isiru b'mod maħsub u bi ksur tar-regoli internazzjonali. U m'għandux jintesa wkoll li l-potenzjal għal xi diżastru ieħor huwa dejjem magħna.

Sa mit-twaqqif tagħha fl-2003, l-EMSA ilha taħdem fuq il-prevenzjoni, l-infurzar u r-rispons. Biex tagħmel dan, l-EMSA tevalwa l-implimentazzjoni prattika u l-impatt tar-regoli eżistenti tal-UE. Hija tipprovdi wkoll lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri tal-UE l-għajnuna neċessarja u l-kompetenza biex tapplika l-leġiżlazzjoni Komunitarja b'mod adegwat fl-oqsma kollha tas-sikurezza marittima.



L-EMSA tipprovdi pariri tekniċi dwar numru ta' kwistjonijiet relatati mas-sikurezza marittima lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri tal-UE meta dawn ikunu qed iħejju leġiżlazzjoni ġdida. Hija tikkontribwixxi wkoll fil-koordinazzjoni tal-pożizzjonijiet tal-Istati Membri meta jkun qed jiġi diskuss xi suġġett fl-OMI. Ladarba tkun ġiet approvata xi liġi ġdida dwar is-sikurezza u s-sigurtà marittima, l-EMSA twettaq monitoraġġ tal-konformità mal-liġijiet internazzjonali u Ewropej b'appoġġ għall-Kummissjoni Ewropea billi tiċċekkja kif ir-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni jkunu ġew tradotti f'termini prattiċi.

Tabella 1. Aċċidenti u tniġġis
Numru totali ta' aċċidenti tal-bastimenti rapportati madwar l-ibħra Ewropej, 2004–2008

| Sena | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Numru totali ta' aċċidenti rrapportati | 593 | 659 | 740 | 990 | 1037 | **4019** |
| Li minnhom **serji** | 194 | 233 | 319 | 471 | 360 | **1577** |
| Li minnhom ta' **tniġġis** | 30 | 21 | 19 | 24 | 36 | **130** |

Sors: Database Marinfo tal-EMSA / Unità ta' Intelliġenza Marittima ta' Lloyds.

Għall-finijiet tas-sikurezza u tas-sigurtà hemm ħtieġa dejjem ikbar għall-monitoraġġ mill-qrib tal-movimenti kollha tal-bastimenti fl-ibħra Ewropej u biex jiġu integrati s-sistemi diversi ta' informazzjoni. Hija meħtieġa informazzjoni komprensiva dwar il-moviment tal-bastimenti, il-merkanzija li qed iġorru, l-interessi wara dawn il-bastimenti, l-ekwipaġġ tagħhom, eċċ sabiex jitjiebu l-flussi tat-traffiku, biex tkun tista' ssir reazzjoni minnufih f'każ ta' xi inċident u biex jingħelbu l-atti ta' terroriżmu. L-EMSA għandha rwol ċentrali, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet tal-Istati Membri, fl-integrazzjoni tas-sistemi varji ta' informazzjoni.

Biex tagħmel tajjeb għat-tniġġis mill-bastimenti, l-EMSA ingħatat rwol biex tipprovdi rispons għat-tixrid taż-żejt u fis-sorveljanza tal-bastimenti. Jekk ikun hemm tniġġis intenzjonat, l-EMSA għandha l-kapaċità, permezz ta' ritratti mis-satelliti, li tidentifika lil min iniġġes u li tgħarraf lill-Istat Membru konċernat biex jieħu azzjoni adegwata kontra s-sid tal-bastiment identifikat. F'każ ta' xi tixrid kbir ta' żejt, l-EMSA waqqfet flotta ta' bastimenti ta' rispons għat-tniġġis li tkun disponibbli fi żmien qasir wara li tissejjaħ biex tassisti lill-Istati Membri fit-tindif taż-żejt qabel dan jilħaq l-art, u b'hekk jilqgħu kontra xi diżastru ambjentali saħansitra akbar.












# PROTEZZJONI TAL-AMBJENT









## It-trattament effettiv tal-iskart iġġenerat mill-bastimenti

Għadd kbir ħafna ta' bastimenti jidħlu f'portijiet tal-UE, u ħafna oħrajn jgħaddu minn jew qrib l-ibħra tal-UE. Dawn il-bastimenti kollha għandhom l-għażla jew li jiddepożitaw l-iskart u l-fdalijiet mill-merkanzija tagħhom f'faċilitajiet tal-port jew li jarmuhom fil-baħar b'mod illegali. Fil-prattika, regolarment, dawn jagħmluhom it-tnejn, bil-potenzjal ta' effetti diżastrużi fuq l-ambjent marittimu. B'mod partikolari, dan huwa l-każ f'żoni ta' ibħra nofshom magħluqin bħalma huma r-reġjuni tal-Baltiku, tal-Mediterran u tal-Baħar l-Iswed.

Sabiex jiġi żgurat li l-bastimenti jħottu tali sustanzi f'faċilitajiet mgħammra apposta fil-portijiet, għandhom jiġu kkunsidrati l-aċċessibbiltà, l-adegwatezza u l-ispejjeż ta' tali faċilitajiet għas-sidien u l-operaturi tal-bastimenti. L-isforzi biex il-portijiet jiġu mħeġġa jistabbilixxu faċilitajiet xierqa bi spejjeż raġonevoli huma appoġġjati mid-Direttiva 2000/59/KE, id f'id mal-Konvenzjoni Marpol tal-OMI dwar it-tniġġis marittimu. L-Istati Membri għandhom livell għoli ta' libertà fir-rigward ta' kif fil-fatt jiġu ssodisfati r-rekwiżiti. L-ispetturi tal-EMSA iżuru l-awtoritajiet tal-Istati Membri, portijiet individwali u saħansitra bastimenti biex jiksbu l-aħjar għarfien possibbli dwar kif fil-prattika jiġi trattat l-iskart mill-bastimenti u l-fdalijiet mill-merkanzija.

Minbarra l-ispezzjonijiet, studji jew workshops huma ntiżi biex jidentifikaw u jeżaminaw diffikultajiet speċifiċi jew każi ta' best practice. Dawn l-attivitajiet paralleli jiġġeneraw stampa dejjem iktar eżatta tal-ġestjoni fil-prattika tal-iskart mill-bastimenti, li tgħin biex jiġu żviluppati strateġiji aktar effettivi għat-tnaqqis jew il-prevenzjoni ta' tniġġis minn emissjonijiet illegali fil-baħar. Per eżempju, l-EMSA dan l-aħħar ħadmet fuq is-sistemi ta' drittijiet applikati fil-portijiet tal-Istati Membri għal 'bastimenti favur l-ambjent', li jistgħu jgawdu minn trattament aktar favorevoli fil-portijiet tal-UE.

## Tnaqqis tat-tniġġis tal-arja

Iktar traffiku marittimu jfisser iktar emissjonijiet fl-arja mill-bastimenti. Din hija kwistjoni fi bliet portwali, fejn spiss l-emissjonijiet mill-vapuri jkunu l-kawża dominanti tat-tniġġis tal-



arja. L-emissjonijiet tal-bastimenti jistgħu wkoll jinġarru għal mijiet ta' kilometri u jikkontribwixxu għall-problemi ta' kwalità tal-arja fuq l-art. Barra dan, it-tniġġis fl-arja minn sorsi bbażati fuq l-art qed jonqos hekk kif il-miżuri dwar il-vetturi, l-installazzjonijiet industijali u l-karburanti qed jibda jkollhom effett. L-azzjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet fuq l-art, spiss bi spejjeż kbar, għandhom jimxu id f'id ma' sforzi simili fuq il-baħar.

Il-karburanti użati abbord il-bastimenti issa huma soġġetti għal grad ta' regolamentazzjoni. Permezz tad-Direttiva 2005/33/KE (flimkien mal-Konvenzjoni Marpol tal-OMI) ġew stabbiliti limiti massimi dwar il-kontenut ta' kubrit fil-karburanti fossili, kif ukoll standards għat-teħid ta' kampjuni ta' karburanti u rekwiżiti għar-rappurtar dwar ir-riżultati. L-EMSA tevalwa u tgħin biex jitjieb l-impatt ta' dawn il-miżuri billi teżamina kif jissarrfu fil-prattika, per eżempju billi tittestja l-kwalità tal-karburant tal-bunkers fil-portijiet relevanti tal-UE u abbord il-bastimenti. Seminars ma' awtoritajiet relevanti fl-Istati Membri qegħdin jiġu organizzati regolarment biex jevalwaw kemm il-progress kif ukoll il-problemi rigward l-implimentazzjoni tar-regoli dwar l-emissjonijiet tal-kubrit u l-ossidu nitroġenu mill-magni tal-bastimenti.

Sfida importanti għat-tbaħħir fis-snin li ġejjin hija t-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-bastimenti. F'dan il-qasam għad m'hemm ebda rekwiżit legali, iżda l-EMSA intalbet tassisti lill-Kumissjoni b'diversi modi, per eżempju billi tikseb informazzjoni dettaljata dwar il-movimenti u l-emissjonijiet tal-bastimenti sabiex tittieħed stampa aħjar tas-sitwazzjoni attwali tal-emissjonijiet ta' C02. Tali dejta se tintuża bħala bażi għal leġiżlazzjoni potenzjali Ewropea jew internazzjonali f'dan il-qasam fil-futur.

Fil-kuntest ta' politika tal-UE, ittieħdu wkoll inizjattivi fil-qasam taż-żebgħa tal-bastimenti (anti-fouling), ġestjoni tal-ilma tas-saborra (ballast water), responsabbiltà ċivili u kumpens għad-danni mit-tniġġis u r-riċiklaġġ tal-bastimenti li huwa kompatibbli mal-ambjent. F'dawn l-oqsma kollha, l-attivitajiet tal-EMSA ikkontribwew biex isawru approċċ tal-UE għal dan it-theddid ambjentali.

### Kontroll tal-iskreppjar – min-nieqa sal-qabar

Fi tmiem il-Ħajja tax-xogħol tagħhom, il-bastimenti jiġu żmantellati sabiex jiġi rkuprat il-komponent prinċipali tagħhom: l-azzar. Dan il-proċess jippermetti r-riċiklaġġ ta' materji prezzjużi u jikkontribwixxi għat-tiġdid tal-flotta attiva, u għaldaqstant għal transport effiċjenti u sikur. Madankollu, 'l hekk imsejħa Tmiem il-Ħajja tal-bastimenti tinvolvi wkoll pletora ta' sustanzi perikolużi, u għalhekk l-iskrepjar tal-bastimenti jeħtieġ superviżjoni.
Il-mod ta' kif dawn is-sustanzi jintremew matul il-proċess ta' żmantellar għadu suġġett ta' tħassib internazzjonali li qed jikber. Il-kundizzjonijiet ambjentali u tax-xogħol tal-'bajjiet tal-iskreppjar' fl-Asja tan-Nofsinhar, li jirċievu l-parti l-kbira tal-bastimenti l-iktar qodma tad-dinja, ġew ikkritikati b'mod qawwi fis-snin riċenti. Barra minn hekk, ir-rata li biha jiġu rtirati l-bastimenti hija mistennija li tiżdied b'mod konsiderevoli b'riżultat ta' kondizzjonijiet tas-suq li qed ibattu fuq naħa waħda, u żieda fl-istandards stretti dwar is-sikurezza tal-vapuri fuq in-naħa l-oħra, b'mod partikolari it-terminu perentorju imminenti li jiskadi fl-2010 għat-tneħħiha gradwali ta' tankers b'buq wieħed.

Hekk kif qed jiżdied il-momentum għal reazzjoni regolatorja għall-kwistjonijiet ambjentali, ta' saħħa u ta' sikurezza, l-EMSA qed tibni kompetenza teknika, ngħidu aħna dwar għażliet u standards għaċ-ċertifikazzjoni ta' faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, biex tgħin kemm fl-iżvilupp ta' stateġija mifruxa ma' l-UE kollha għall-iżmantellar tal-bastimenti kif ukoll fl-iżvilupp tal-Konvenzjoni tal-OMI li hija ppjanata fuq dan is-suġġett.

### Taħriġ u kooperazzjoni

L-EMSA iżżomm programm komprensiv ta' taħriġ u kooperazzjoni dwar is-sikurezza marittima, immirat biex itejjeb l-għarfien fuq il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sikurezza marittima. Il-benefiċjarji tat-taħriġ huma prinċipalment uffiċjali li jaħdmu fl-amministrazzjonijiet marittimi tal-Istati Memri tal-UE/ŻEE. Il-programm ta' taħriġ, li jiġi stabbilit kull sena b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, issa jiġbor fih aktar minn 20 seminar, gruppi ta' ħidma u żjarat ta' esperti kull sena. L-Aġenzija tipprovdi wkoll taħriġ u appoġġ lil pajjiżi li huma kandidati jew kandidati potenzjali għal sħubija fl-UE.



# KONTROLL IMTEJJEB TAL-KOSTRUZZJONI

Sabiex jiġi żgurat li l-bastimenti jinbnew u jinżammu skont l-iktar rekwiżiti ta' sikurezza riċenti, id-disinn, il-kostruzzjoni u l-manutenzjoni tagħhom għandhom ikunu approvati abbażi ta' proċeduri ta' spezzjoni u ċertifikazzjoni li jkunu ġew żviluppati fuq livell internazzjonali.

Din ir-responsabbiltà taqa' fi ħdan il-pajjiżi li jirreġistraw bastimenti (stati tal-bandiera) għal dawk il-bastimenti li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom. Il-pajjiżi jistgħu jawtorizzaw ukoll lil soċjetajiet ta' klassifikazzjoni biex iwettqu dan ix-xogħol f'isimhom. Is-soċjetajiet tal-klassifikazzjoni huma korpi multinazzjonali li joħorġu bosta tipi differenti ta' ċertifikati fi ħdan żewġ kategoriji ewlenin: 'ċertifikati ta' klassi' li jkopru l-konformità mar-regoli tas-soċjetajiet infushom; u 'ċertifikati statutorji' li jkopru l-konformità mar-regolamenti internazzjonali. Għalkemm hemm aktar minn 50 organizzazzjoni madwar id-dinja li jagħmlu dan it-tip ta' xogħol, preżentament 13-il soċjetà tal-klassifikazzjoni biss hija rikonoxxuta mill-Unjoni Ewropea, inklużi s-soċjetajiet il-kbar kollha, li jissorveljaw u jiċċertifikaw bastimenti li jirrappreżentaw aktar minn 90 % tat-tunnellaġġ ta' ġarr ta' merkanzija fid-dinja. L-Istati Membri tal-UE huma awtorizzati li jiddelegaw ir-responsabilitajiet tagħhom ta' klassifikazzjoni tal-bastimenti biss lil dawn it-13-il organizzazzjoni rikonoxxuta.
Il-leġiżlazzjoni ewlenija tal-UE li tittratta s-soċjetajiet tal-klassifikazzjoni hija d-Direttiva 94/57/KE, kif emendata, li tistabbilixxi għadd ta' kriterji biex jiġu rikonoxxuti l-organizzazzjonijiet. Sabiex jiġi żgurat li dawn l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti jżommu l-istandards ta' kwalità u jkomplu jissodisfaw il-kriterji stabbiliti, kull organizzazzjoni għandha tiġi evalwata kull sentejn.
L-EMSA ingħatat l-inkarigu mill-Kummissjoni biex tagħmel din il-verifika u, biex tagħmel dan, l-ispetturi tagħha jżuru l-kwartieri ġenerali tas-soċjetajiet tal-klassifikazzjoni, flimkien ma' għażla ta' uffiċċji reġjonali u/jew lokali tagħhom, kif ukoll bastimenti u siti tal-bini tal-bastimenti individwali madwar id-dinja kollha. Ġeneralment it-timijiet ta' spezzjoni tal-EMSA jwettqu medja ta' 20 spezzjoni kull sena. Wara l-ispezzjonijiet, l-EMSA tirrapporta s-sejbiet tagħha lill-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni tista' titlob azzjoni korrettiva u/jew timponi multi f'każ li jkun stabbilit xi nuqqas serju jew problema fit-tul.

## Konsistenza fil-Kontroll tal-Istat tal-Port

L-Istati tal-port tal-UE għandhom l-inkarigu li jispezzjonaw il-bastimenti barranin li jżuruhom (kontroll tal-Istat tal-port). Dan il-proċess ta' kontroll tal-Istat tal-port huwa ta' importanza partikolari għas-sikurezza marittima, għaliex għalkemm l-Istati tal-bandiera għandhom ir-responsabilità ewlenija li jżommu l-bastimenti tagħhom f'kondizzjoni tajba, dawn mhux dejjem jerfgħu din ir-responsabilità b'mod konsistenti. L-Istati tal-port għandhom is-setgħa li jitolbu li jiġu applikati r-rimedji neċessarji għan-nuqqasijiet identifikati, u jistgħu iżommu l-bastimenti milli jitilqu sakemm ikunu twettqu dawn ir-rimedji. Jekk xi bastiment jinżamm ripetutament matul ċertu perjodu ta' żmien, jista' jiġi miċħud l-aċċess għall-portijiet kollha tal-UE sakemm sid il-bastiment juri li l-bastiment jinsab f'kondizzjoni tajba biex isalpa ('l hekk imsejħa 'dispożizzjoni ta' projbizzjoni').

Il-kontroll tal-Istat tal-port huwa wieħed min-numru ta' oqsma fejn l-EMSA topera f'isem il-Kummissjoni Ewropea u id f'id mal-Istati Membri. Hija tinteraġġixxi wkoll mill-qrib mal-Memorandum ta' Ftehim (MoU) ta' Pariġi, li jikkonsisti f'27 amministrazzjoni marittima parteċipanti u li jimmira lejn il-kontroll armonizzat tal-Istati tal-port fl-ibħra kollha tal-Istati kostali Ewropej u tal-Atlantiku tat-Tramuntana.

Tabella 2. Soċjetajiet ta' klassifikazzjoni evalwati mill-EMSA

| A. Rikonoxximent sħiħ mill-UE | Tunnellaġġ (DWT) | % tal-flotta | Numru ta' bastimenti | % tal-flotta |
|---|---|---|---|---|
| Nippon Kaiji Kyokai – NK (JP) | 229 740 | 22.5% | 6 086 | 15.8% |
| Lloyd's Register of Shipping – LR (UK) | 184 790 | 18.1% | 5 501 | 14.3% |
| American Bureau of Shipping – ABS (US) | 176 430 | 17.3% | 5 648 | 14.7% |
| Det Norske Veritas – DNV (NO) | 164 780 | 16.2% | 4 055 | 10.5% |
| Germanischer Lloyd – GL (DE) | 86 510 | 8.5% | 4 899 | 12.7% |
| Bureau Veritas – BV (FR) | 74 690 | 7.3% | 4 940 | 12.8% |
| Korean Register of Shipping – KR (KR) | 39 090 | 3.8% | 1 623 | 4.2% |
| China Classification Society – CCS (CN) | 38 370 | 3.8% | 1 906 | 4.9% |
| Russian Register of Ships – RS (RU) | 13 510 | 1.3% | 2 573 | 6.7% |
| Registro Italiano Navale – RINA (IT) | 12 660 | 1.2% | 1 314 | 3.4% |
| **Total** | **1 020 560** | **100%** | **38 545** | **100%** |
| **B. Rikonoxximent limitat mill-UE** | | | | |
| Polski Rejestr Statkow – PRS (PL) | 1 760 | 76.2% | 237 | 48.2% |
| Hellenic Register of Shipping – HRS (EL) | 500 | 21.6% | 213 | 43.4% |
| Registro Internacional Naval Portuguesa - RINAVE (PT) | 50 | 2.2% | 41 | 8.4% |
| **Total** | **2 310** | **100%** | **491** | **100%** |



# U L-MANUTENZJONI

Għal numru ta' snin, Stati Membri individwali kienu obbligati jispezzjonaw mill-inqas 25% tan-numru ta' bastimenti li jaslu fil-portijiet tagħhom, skond id-Direttiva 95/21/KE tal-UE. B'segwitu għal reviżjoni bir-reqqa ta' din id-Direttiva se jiġi introdott reġim ġdid ta' spezzjonijiet.

Element deċiżiv f'dan ir-reġim hu li minn impenni individwali għall-Istati parteċipanti, it-tendenza issa hi lejn impenni reġjonali. Ir-reġim ġdid jimmira li jiġu spezzjonati l-bastimenti kollha li jaslu fir-reġjun tal-UE mill-inqas darba f'sena, u t-tieni nett, ir-reġim il-ġdid jimmira li jtejjeb it-trasparenza tal-industrija billi ssir enfasi fuq ir-responsabilita' ta' dawk involuti fit-tbaħħir. Il-metodu eżistenti ta' klassifikazzjoni ta' Stati tal-bandiera u organizzazzjonijiet rikonoxxuti se jiġi kkomplimentat b'sistema simili għall-kumpaniji.

Din il-bidla għal impenn reġjonali se tiżgura kif ukoll tirrikjedi iktar armonizzazzjoni tal-proċeduri ta' ħidma mill-Istati Membri. L-armonizzazzjoni se tagħmel l-aħjar użu mir-riżorsi disponibbli billi timmira lejn dawk il-bastimenti li jkollhom prestazzjoni baxxa fir-reġjun kollu u, fl-istess ħin, tnaqqas il-piż ta' spezzjonijiet żejda fuq bastimenti bi prestazzjoni tajba.

B'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, l-EMSA ingħatat l-inkarigu li tiżvilupa, timplementa u topera database b'appoġġ għar-reġim il-ġdid. Din is-sistema se tkun inkorporata fl-operazzjonijiet ta' kuljum tal-Istati tal-port kollha u se tkun element ewlieni fit-tħaddim reġjonali adegwat tal-kontroll tal-Istat tal-port.

Sabiex dan l-approċċ ikun jista' jaħdem b'mod konsistenti, l-importanza li l-uffiċjali tal-kontroll tal-Istat tal-port ikunu imħarrġa kif suppost u kkwalifikati, ġiet enfasizzata u rikonoxxuta kemm mill-industrija kif ukoll mill-Istati Membri. Is-suċċess ta' reġim uniformi se jkun żgurat permezz ta' armonizzazzjoni ulterjuri tal-kriterji ta' spezzjoni, il-proċeduri ta' rapportar u l-prinċipji ta' taħriġ. L-Aġenziija torganizza t-taħriġ neċessarju dwar proċeduri ta' kontroll tal-Istat tal-port, billi tuża, fost oħrajn, it-tagħlim miksub miż-żjarat fl-Istati Membri. L-iżvilupp mill-EMSA ta' għodda ta' tagħlim mill-bogħod (distance learning) tal-aħjar kwalità għall-uffiċjali tal-kontroll tal-Istat tal-port impjegati fir-reġjun timmira wkoll biex tkompli tgħolli l-livelli ta' professjonalita'.

Tabella 3. Kontribuzzjoni individwali tal-Istati tal-port tal-MoU ta' Pariġi lejn l-ammont totali ta' spezzjonijiet.

| Stat tal-Port tal-MoU | Bastimenti individwali | Spezzjonijiet | Spezzjonijiet b'nuqqasijiet | Detenzjonijiet | Detenzjonijiet b'nuqqasijiet relatati mal-Organizzazzjoni Rikonoxxuta | % ta' spezzjonijiet b'nuqqsijiet% miżmuma | % zatrymani | % ta' bastimenti individwali spezzjonati (impenn ta' 25%) | % ta' spezzjonijiet tal-MoU totali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| BE | 5246 | 1481 | 843 | 70 | 17 | 56.92 | 4.73 | 28.23 | 6.01 |
| BG | 1362 | 528 | 397 | 30 | 5 | 75.19 | 5.68 | 38.77 | 2.14 |
| CA | 1739 | 553 | 208 | 23 | 7 | 37.61 | 4.16 | 31.80 | 2.24 |
| HR | 1490 | 401 | 289 | 33 | 4 | 72.07 | 8.23 | 26.91 | 1.63 |
| CY | 1059 | 329 | 212 | 55 | 4 | 64.44 | 16.72 | 31.07 | 1.33 |
| DK | 2436 | 659 | 314 | 23 | 2 | 47.65 | 3.49 | 27.05 | 2.67 |
| EE | 1571 | 383 | 125 | 4 | 0 | 32.64 | 1.04 | 24.38 | 1.55 |
| FI | 1332 | 492 | 138 | 3 | 0 | 28.05 | 0.61 | 36.94 | 2.00 |
| FR | 5889 | 1780 | 1087 | 91 | 5 | 61.07 | 5.11 | 30.23 | 7.22 |
| DE | 5427 | 1403 | 784 | 47 | 6 | 55.88 | 3.35 | 25.85 | 5.69 |
| EL | 3075 | 1003 | 439 | 45 | 12 | 43.77 | 4.49 | 32.62 | 4.07 |
| IS | 382 | 103 | 33 | 1 | 0 | 32.04 | 0.97 | 26.28 | 0.42 |
| IE | 1390 | 435 | 202 | 30 | 4 | 46.44 | 6.90 | 31.29 | 1.76 |
| IT | 6567 | 1929 | 1270 | 212 | 30 | 65.84 | 10.99 | 29.37 | 7.83 |
| LV | 1864 | 515 | 229 | 5 | 0 | 44.47 | 0.97 | 27.63 | 2.09 |
| LT | 1406 | 441 | 325 | 9 | 0 | 73.70 | 2.04 | 31.37 | 1.79 |
| MT | 817 | 294 | 223 | 21 | 4 | 75.85 | 7.14 | 35.99 | 1.19 |
| NL | 5820 | 1633 | 873 | 41 | 2 | 53.46 | 2.51 | 28.06 | 6.63 |
| NO | 2343 | 734 | 269 | 22 | 4 | 36.65 | 3.00 | 31.33 | 2.98 |
| PL | 2343 | 789 | 447 | 33 | 1 | 56.65 | 4.18 | 33.67 | 3.20 |
| PT | 2684 | 986 | 529 | 39 | 8 | 53.65 | 3.96 | 36.74 | 4.00 |
| RO | 1907 | 1101 | 811 | 31 | 3 | 73.66 | 2.82 | 57.73 | 4.47 |
| RU | 3325 | 1470 | 953 | 54 | 7 | 64.83 | 3.67 | 44.21 | 5.96 |
| SL | 779 | 298 | 113 | 53 | 14 | 37.92 | 17.79 | 38.25 | 1.21 |
| ES | 6608 | 2324 | 1620 | 165 | 24 | 69.71 | 7.10 | 35.17 | 9.43 |
| SE | 2686 | 763 | 262 | 9 | 0 | 34.34 | 1.18 | 28.41 | 3.10 |
| UK | 6478 | 1820 | 1327 | 71 | 11 | 72.91 | 3.90 | 28.10 | 7.38 |
| Total | 78025 | 24647 | 14322 | 1220 | 174 | 58.11 | 4.95 | 31.59 | 100.00 |

Sors: Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi, Dejta tal-2007.

Fl-2007, l-EMSA ipprovdiet lill-ispetturi tar-reġjun tal-MoU ta' Pariġi bl-għodda elettronika Rulecheck, li tagħti referenza f'qasir żmien għar-regoli internazzjonali kollha dwar is-sikurezza tal-bastimenti, ix-xogħol u l-proċeduri tal-MoU ta' Pariġi fl-aktar verżjoni aġġornata tagħhom. Minħabba li l-volum totali tar-regoli li jirregolaw is-sikurezza tal-bastimenti huwa wiesa' u kumpless ħafna, id-disponibbiltà ta' għodda elettronika għat-tiftix ta' regoli, li l-ispetturi jġorru fuq il-laptops tagħhom, iffaċilitat ħafna x-xogħol tagħhom.

L-effikaċja tas-sistema tal-Kontroll tal-Istat tal-Port fir-reġjun tal-UE hija soġġetta għal monitoraġġ kostanti mill-Aġenzija. Ir-riżultati tal-analiżi jiddaħħlu lura fis-sistemi ta' taħriġ u jistgħu jwasslu wkoll għall-aġġustament ta' proċeduri u/jew għal leġiżlazzjoni fil-futur.



# TAĦRIĠ KIF SUPPOST







Huwa stmat li madwar 80% tal-inċidenti fuq il-baħar huma kkaġunati minn żball tal-bniedem.

Eżempju prominenti huwa meta dawk fuq il-pont ta’ bastiment jieħdu deċiżjonijiet żbaljati, b’mod partikolari f’kondizzjonijiet ta’ navigazzjoni u/jew ta’ temp diffiċli. Min-naħa l-oħra, dawn jistgħu iseħħu b’riżultat ta’ ħsara fil-magni jew tagħmir ieħor, u jistgħu jiġu aggravati bin-nuqqas ta’ kapaċità tal-ekwipaġġ biex isolvi l-problema malajr minħabba taħriġ batut. Għaldaqstant, huwa essenzjali li l-baħħara jkunu mħarrġa skont l-ogħla standards.

Madwar 75% tal-baħħara fuq bastimenti reġistrati fl-UE jiġu minn pajjiżi mhux tal-UE u jiksbu l-kwalifiki tagħhom f’istituzzjonijiet mhux tal-UE f’aktar minn 50 pajjiż. Dan jagħmilha diffiċli biex il-kwalità tal-edukazzjoni, it-taħriġ u l-kwalifiki tagħhom jiġu evalwati. Sabiex ikun jista’ jsir monitoraġġ effettiv tas-sitwazzjoni, il-Konvenzjoni Internazzjonali tal-IMO dwar Standards ta’ Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħara (STCW) tagħti lill-pajjiżi li jirreġistraw il-bastimenti, il-kapaċità li jivverifikaw kif il-pajjiżi li jipprovdu baħħara għall-bastimenti tagħhom jimplimentaw l-istandards li jkun sar qbil fuqhom fuq livell internazzjonali.

Fil-passat, kull Stat Membru tal-UE kellu jwettaq il-valutazzjonijiet tas-sistemi ta’ edukazzjoni u taħriġ marittimu f’pajjiżi mhux tal-UE fuq bażi individwali. Sabiex tiġi evitata duplikazzjoni tal-ispezzjonijiet, ġie deċiż li x-xogħol għandu jsir ċentralment. Dan il-kompitu ġie assenjat



# GĦALL-BAĦĦARA

lill-Kummissjoni Ewropea, li ddelegat ix-xogħol tekniku lill-EMSA. In-nomina ta’ korp waħdieni tal-UE jżid il-valur billi joħloq ekonomiji ta’ skala u jiggarantixxi approċċ konsistenti għall-evalwazzjonijiet kollha.

L-ispetturi tal-EMSA iwettqu evalwazzjoni tas-sistema ta’ edukazzjoni ta’ kull pajjiż mhux tal-UE li tipprovdi taħriġ lil baħħara li jaħdmu abbord bastimenti reġistrati fl-UE, darba kull 5 snin. Fil-prattika, bil-mezzi limitati disponibbli, dan ifisser l-ispezzjoni ta’ 35 istituzzjoni jew aktar f’bejn sitta u tmien pajjiżi differenti kull sena.

Fl-2007, l-EMSA bdiet żjarat anke fl-Istati Membri tal-UE biex tivverifika kif qed jimplimentaw l-obbligi tagħhom f’dan il-qasam. Bl-istess mod għal pajjiżi mhux tal-UE, iż-żjarat f’pajjiżi tal-UE jinkludu spezzjonijiet tal-uffiċċji tal-amministrazzjoni marittima u kampjun tal-istituzzjonijiet ta’ edukazzjoni u taħriġ, li għandhom jiġu spezzjonati matul ċiklu ta’ ħames snin.

Is-sejbiet tal-ispezzjonijiet jiġu kkomunikati lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u lill-Kummissjoni Ewropea li għandha ċerti setgħat legali biex titlob azzjoni korrettiva meta jkun neċessarju.









# IL-ĠLIEDA KONTRA T-TNIĠĠIS MIŻ-ŻEJT







Id-diżastri ta' tniġġis miż-żejt jistgħu jerġgħu iseħħu fil-futur, u dawn jista' jkollhom impatt kbir fuq l-ambjent, l-ekonomiji lokali u s-sajd.

Iż-żidiet fl-attività tat-tankers – sa ċertu punt relatati ma' esportazzjoni dejjem ikbar taż-żejt– jikkontribwixxu għal livelli ta' riskji fil-futur. Mil-lat finanzjarju, għandna niftakru wkoll illi l-operazzjonijiet ta' tindif jiswew ħafna flus. Intefqu ferm aktar minn €1 biljun biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tad-diżastri tal-Erika u l-Prestige weħidhom.

Il-konsegwenzi finanzjarji u ekoloġiċi serji ta' tixrid ta' żejt fuq skala kbira minn tanker jistgħu jitnaqqsu sostanzjalment bit-tneħħija taż-żejt mill-baħar qabel ma jasal max-xatt. Madanakollu, id-diżastru tal-Prestige fl-2002 wera biċ-ċar illi fl-Ewropa, ma kienx hemm biżżejjed bastimenti ta' rispons għat-tniġġis bil-kapaċità li jindirizzaw b'mod effettiv it-tixrid ta' żejt fuq skala kbira.

Figura 1. Inċidenti ta' tniġġis sostanzjali rrapportati madwar l-ibħra Ewropej, 2004-2008



F'dan l-isfond, l-EMSA ingħatat ir-responsabilità li twaqqaf netwerk ta' bastimenti, tagħmir u riżorsi oħrajn biex jgħinu lill-Istati Membri jilqgħu kontra t-tniġġis mill-bastimenti. Abbażi ta' Pjan ta' Azzjoni għat-Tħejjija u r-Rispons għat-Tniġġis miż-Żejt, l-Aġenzija tqabbad bastimenti kummerċjali li jistgħu, fi żmien qasir — normalment fi żmien 24 siegħa — jinqelbu f'bastimenti għall-irkuprar taż-żejt, b'tagħmir mill-aktar avvanzat. Dawn normalment iwettqu xogħol ieħor, iżda għandhom il-kapaċità li jgħabbu t-tagħmir u jirreaġixxu malajr għat-tixrid taż-żejt meta jinqala' l-bżonn.



Figura 2. Bastimenti ta’ rkupru taż-żejt tal-EMSA fuq stand-by – lokazzjoni tal-ħażniet u ta’ bastimenti




Il-bastimenti li l-EMSA għandha magħha fuq kuntratt huma kbar, u qegħdin hemm biex, meta jiġri xi inċident kbir, jappoġġaw il-kapaċitajiet nazzjonali ta’ reazzjoni, li tradizzjonalment għandhom tank b’kapaċità ta’ madwar 500m3.
L-Aġenzija ilha toffri dan is-servizz mill-2006 u sa mill-2009 flotta komprensiva ta’ Bastimenti fuq Stand-by għall-Irkupru tat-Tixrid taż-Żejt (Standby Oil Spill Recovery Vessels (OSRV)) hija disponibbli fiż-żoni prinċipali kollha tal-ibħra Ewropej, mill-Baltiku sal-Baħar l-Iswed, li tkopri bastimenti li huma disponibbli f’ħafna mill-partijiet tal-Mediterran, l-Atlantiku u l-Baħar tat-Tramuntana. Matul is-snin li ġejjin l-Aġenzija se żżomm dan is-servizz u ttejjeb l-arranġament u l-postijiet fejn ikunu jinsabu l-bastimenti skont kif ikun adegwat.

Iktar informazzjoni dwar l-ispeċifikazzjoni teknika tal-bastimenti u l-lokazzjoni tal-ħażniet ta’ tagħmir tista’ tittieħed minn Figura 2 u Tabella 4.

Sabiex tiżgura li dawn il-bastimenti u l-ekwipaġġi tagħhom ikunu lesti biex jirreaġixxu għal xi inċident kbir ta’ tniġġis miż-żejt, l-EMSA tipparteċipa regolarment f’taħriġ ta’ simulazzjoni ta’ inċidenti u f’eżerċizzji regolari li jiġu organizzati fil-qafas ta’ ftehim ta’ kooperazzjoni reġjonali għar-reazzjoni għal tniġġis, jiġifieri mal-pajjiżi msieħba li huma membri tal-HELCOM, REMPEC u ftehim oħrajn.





Tabella 4. Bastimenti ta' rkuprar taż-żejt tal-EMSA fuq stand-by, u speċifikazzjoni teknika (2009)

| Isem | Tip | Żona operattiva u tagħmir | Kapaċità tat-tank (m3) |
|---|---|---|---|
| ***OW Copenhagen*** | Bastiment *Bunker* | Copenhagen & Skagen (DK) | 4360 |
| ***OW Aalborg*** | Bastiment *Bunker* | Copenhagen & Skagen (DK) | 4360 |
| ***Aktea OSRV*** | Tanker taż-Żejt | Piraeus (EL) | 3000 |
| ***Forth Fisher*** | Bastiment li jġorr il-prodotti | Cobh (IE) | 4754 |
| ***Galway Fisher*** | Bastiment li jġorr il-prodotti | Cobh (IE) | 4754 |
| ***Mersey Fisher*** | Bastiment li jġorr il-prodotti | Cobh (IE) | 5028 |
| ***Salina Bay*** | Bastiment *Bunker* | La Spezia (IT) | 2800 |
| ***Mistra Bay*** | Bastiment *Bunker* | Valetta (MT) | 1805 |
| ***Santa Maria*** | Bastiment *Bunker* | Valetta (MT) | 2421 |
| ***Galp Marine*** | Bastiment *Bunker* | Sines (PT) | 3023 |
| ***Bahia Tres*** | Bastiment *Bunker* | Algeciras (ES) | 7413 |
| ***Bahia Uno*** | Bastiment *Bunker* | Algeciras (ES) | 3800 |
| ***GSP Orion*** | Bastiment li jġorr il-prodotti | Constanta (RO) | 1334 |
| ***Ria de Vigo*** | Bastiment li jġorr il-prodotti | Vigo (ES) | 1522 |
| ***Interballast III*** | Bastiment tal-provvisti Dredger | Ostend (BE) | 1886 |
| ***DC Vlaanderen-3000*** | Bastiment tal-provvisti Dredger | Ostend (BE) | 2744 |





Madankollu ġie rikonoxxut ukoll iktar kmieni, li huma neċessarji aktar evalwazzjonijiet tar-riskji u aktar azzjonijiet oħra mill-Aġenzija biex jiġi indirizzat it-tniġġis marittimu li mhuwiex ikkawżat miż-żejt.

Huwa diffiċli li wieħed jikseb informazzjoni ċara dwar kif għandhom jiġu trattati inkwinanti oħrajn bħalma huma sustanzi perikolużi u noċivi (hazardous and noxious substances – HNS)), u dan jeħtieġ l-involviment ta' esperti tal-kimika. Dawn l-azzjonijiet huma identifikati fil-Pjan ta' Azzjoni tal-EMSA għall-Preparazzjoni u r-Rispons għat-tniġġis mill-HNS u huma mdaħħla fis-seħħ gradwalment.

## MAR-ICE

Sabiex jissaħħaħ l-influss ta' informazzjoni fl-Ewropa fil-każi ta' inċidenti ta' tniġġis marittimu li jinvolvu kimiċi ikkawżati minn bastimenti, twaqqaf in-netwerk MARICE b'kooperazzjoni mill-qrib mal-industrija tal-kimiċi. MAR-ICE tfisser 'Netwerk għall-Intervent Marittimu waqt Emerġenzi Kimiċi' (Marine Intervention in Chemical Emergencies Network). Dan beda jopera fil-bidu tal-2009, u jwassal servizz ta' informazzjoni li hu disponibbli għall-Istati Membri tal-UE kollha u għal Stati kostali tal-EFTA biex ikunu jistgħu jintervjenu f'emerġenzi marittimi marbuta mal-kimiċi.

## CleanSeaNet

Il-maġġoranza tal-każi ta' tixrid taż-żejt iseħħu meta t-tankers u bastimenti oħrajn inaddfu t-tankijiet taż-zejt tagħhom waqt li jkunu fuq il-baħar. Bħala servizz ta' appoġġ għall-Istati Membri fil-ġlieda kontra t-tniġġis, fl-2007 l-EMSA waqqfet il-CleanSeaNet, sistema ta' sorveljanza mis-satelliti għas-sejbien ta' irqajja' ta' żejt imxerred. Din il-prattika hija illegali, imma kien diffiċli ħafna biex wieħed jinduna biha, u sussegwentament jiehu passi kriminali kontriha.

Is-sistema tipprovdi ritratti biex fil-bidu jgħinu fl-identifikazzjoni u l-intraċċar ta' emissjonijiet potenzjali ta' żejt permezz tas-satelliti, li wara jiġu sostnuti permezz ta' tipi oħra ta' sorveljanza, bħal verifiki fuq il-post bl-użu ta' bastimenti tal-għassa u inġenji tal-ajru speċjalizzati fl-Istati Membri.

Figure 3. Ritratt ta' CleanSeaNet li juri tixrid ta' żejt 'il barra mill-kosta tal-Irlanda



CleanSeaNet għandha wkoll rwol operattiv fil-monitoraġġ ta' tniġġis aċċidentali u attivitajiet li jappoġġaw ir-rispons għal inċidenti kbar. Is-sistema ġiet ukoll imtejba b'funzjonijiet ġodda li jippermettulha li tagħmel skambju ta' informazzjoni u li ttejjeb il-funzjonalità tagħha bl-użu ta' dejta minn sistemi eżistenti li l-EMSA tħaddem. Ġiet miżjuda informazzjoni dwar monitoraġġ ta' traffiku minn SafeSeaNet (ara hawn taħt), u flimkien ma' informazzjoni dwar it-temp, informazzjoni oċejanografika u dejta tar-radar mis-satelliti, CleanSeaNet tikseb stampa aktar ċara u eżatta. Dan jippermetti li Stati Membri jirċievu minn sors wieħed informazzjoni estensiva għal azzjonijiet ta' rispons għat-tniġġis u jiksbu ċertezza fl-identifikazzjoni ta' min iniġġes.

L-Aġenzija hija l-uniku sors minn fejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jiksbu ritratti, dejta u informazzjoni oħra biex jappoġġaw l-attivitajiet tagħhom ta' rispons għat-tniġġis marittimu fil-livell tal-UE. L-Aġenzija tippromwovi wkoll il-kooperazzjoni, tipprovdi taħriġ, u xxerred għarfien u informazzjoni dwar l-aħjar prattiċi f'dan il-qasam. Il-mira tal-EMSA hija li tagħti kontribut effettiv għall-protezzjoni tal-kosta kollha tal-UE minn tixrid ta' żejt u inkwinanti oħrajn aċċidentali jew apposta.



# INTRAĊĊAR TAL-BASTIMENTI U







Fi kwalunkwe mumenti, fl-ibħra Ewropej, ikun hemm aktar minn 20,000 bastiment kummerċjali ibaħħar.

Meta seħħ l-inċident tal-Erika fl-1999, ma kinitx magħrufa informazzjoni eżatta dwar il-merkanzija tiegħu. Billi hemm daqstant bastimenti jgħabbu u jħottu fil-portijiet tal-Ewropa, l-informazzjoni dwar il-merkanzija, ir-rekords tas-sikurezza tal-bastiment u d-destinazzjonijiet portwali huma ta' interess vitali għas-sikurezza fuq il-baħar, il-protezzjoni tal-ambjent marittimu u għall-atturi ekonomiċi. Madankollu, din l-informazzjoni hija proċessata minn għadd ta' atturi fuq livell lokali u nazzjonali. Spiss, l-iskambju ta' informazzjoni huwa diffiċli billi dawn il-korpi, bħall-awtoritajiet tal-port, jużaw mezzi differenti biex jiġbru, jaħżnu u jittrasferixxu d-dejta, u ħafna minnhom għandhom sistemi tal-IT li mhumiex kompatibbli. L-informazzjoni tintbagħat b'mezzi differenti, spiss bil-faks, bit-telefown jew bil-posta elettronika.
Huwa għalhekk illi, sa mill-2002, l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea bdew jaħdmu flimkien biex jiżviluppaw soluzzjoni għal dawn il-problemi ta' skambju ta' informazzjoni u biex jimplimentaw id-Direttiva 2002/59/KE tal-UE, li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità (Community vessel traffic monitoring and information system - VTMIS). Ir-riżultat kien netwerk Ewropew imsejjaħ SafeSeaNet, li huwa mmaniġġjat mill-EMSA, biex jarmonizza l-mod kif tiġi skambjata d-dejta marittima.

SafeSeaNet jgħaqqad flimkien għadd kbir ta' awtoritajiet marittimi minn madwar l-Ewropa. L-informazzjoni li tinsab fil-messaġġi tinġabar minn varjetà ta' sorsi lokali, magħrufa bħala l-awtoritajiet kompetenti lokali (AKLs), bħall-istazzjonijiet ta' mal-kosta u l-awtoritajiet tal-port. Din l-informazzjoni tiġi pprovduta kważi f'ħin reali lill-awtoritajiet pubbliċi madwar l-Ewropa. Il-kosta tal-Unjoni Ewropea hija dik li hija koperta l-aħjar, bi stazzjonijiet li jirċievu minn Sistemi ta' Identifikazzjoni Awtomatika (Automatic Identification System -AIS), li jiġbru sinjali f'kull ħin mill-bastimentli li jkunu għaddejjin. L-Aġenzija tikkoopera mal-Istati Membri biex ittejjeb il-limiti ta' distanza minn fejn dawn l-istazzjonijiet ikunu jistgħu jirċievu sinjali, bil-għan li tintlaħaq kopertura sħiħa taż-żoni tal-baħar madwar l-Ewropa.

L-intraċċar tal-bastimenti b'aktar preċiżjoni jgħin sabiex jiġu evitati inċidenti ta' tniġġis billi jippermetti l-identifikazzjoni bikrija tal-bastimenti li jirrappreżentaw riskju. SafeSeaNet jista' jipprovdi aċċess għal rapporti dwar il-prestazzjoni tal-bastiment (inċidenti, tniġġis, ksur tar-regoli





tan-navigazzjoni, eċċ.) jew dwar dettalji ta' materjali perikolużi li jkunu qed jinġarru minn bastiment. L-għarfien dwar fejn ikun sejjer il-bastiment u x'ikun qed iġorr jgħin biex jitjiebu l-ħinijiet ta' reazzjoni f'każijiet ta' emerġenza f'każ li jseħħ l-agħar xenarju. SafeSeaNet jarmonizza wkoll il-proċessi ta' rapportar ta' merkanzija u ta' lokalizzazzjoni fil-portijiet u abbord il-bastimenti, liema proċess se jnaqqas l-ammont ta' xogħol li jrid isir kif ukoll l-ispejjeż.
Fl-2009 ser jibdew żjarat fl-Istati Membri kostali kollha, inklużi fl-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, fil-portijiet kummerċjali u fl-istazzjonijiet kostali għall-monitoraġġ tat-traffiku tal-bastimenti, bil-għan li jiġi stabbilit livell ta' kontroll ta' bastimenti li jġorru oġġetti perikolużi jew li jniġġsu fl-ibħra madwar l-Ewropa.

## L-intraċċar tal-bastimenti lilhinn mill-ibħra tal-Ewropa

L-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali adottat deċiżjoni biex titwaqqaf sistema li tipprovdi informazzjoni dwar bastimenti li jkunu qed ibaħħru fi kwalunkwe post madwar id-dinja għal finijiet ta' sikurezza, sigurtà, tfittxija u salvataġġ (search and rescue - SAR) u protezzjoni tal-ambjent. Din is-sistema ta' identifikazzjoni u ntraċċar minn distanzi twal (LRIT) hija maħsuba biex tipprovdi informazzjoni dwar bastiment mill-inqas kull sitt sigħat. Kull Stat tal-bandiera, inklużi Stati tal-bandiera tal-UE, huwa responsabbli sabiex jipprovdi dawn ir-rapporti għall-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu. B'segwitu għal Riżoluzzjoni tal-Kunsill f'Ottubru tal-2007, l-EMSA qed twaqqaf ċentru ta' dejta f'isem l-Istati tal-bandiera Ewropej kollha li se jqassam informazzjoni tal-LRIT lil kull Stat Membru parteċipant u se jagħmel skambju ta' informazzjoni ma' ċentri tad-dejta oħra madwar id-dinja wara li ssir talba. Iċ-Ċentru ta' Dejta tal-LRIT tal-UE beda jopera f'nofs l-2009, u se jkun l-akbar ċentru tad-dejta tas-sistema internazzjonali kollha tal-LRIT, bl-intraċċar ta' madwar 10,000 bastiment li se jiġġenera minimu ta' 40,000 rapport ta' pożizzjoni kuljum. Flimkien mal-intraċċar ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-UE, iċ-Ċentru ta' Dejta tal-LRIT tal-UE se jipprovdi wkoll lill-Istati Membri, fuq talba tagħhom, informazzjoni ta' LRIT dwar kwalunkwe bastiment ta' xi pajjiż terz li jkun fi triqtu lejn ibħra tal-UE, jew ikun qed ibaħħar fihom.

## L-integrazzjoni ta' sistemi ta' sorveljanza marittima

Tali sistemi huma parti mill-isforz tal-EMSA biex tixpruna iktar modi kif tikseb u tqassam aktar u aktar informazzjoni minn sorsi differenti. Mill-2009, l-Aġenzija se tintegra dawn is-sistemi sabiex tipprovdi stampa komprensiva tat-traffiku tal-bastimenti fl-UE lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni marbuta ma' distanzi qosra u dik marbuta ma' distanzi twal se tkun magħmula relatata. L-informazzjoni dwar bastimenti, merkanzija tal-bastimenti, riżultati tal-ispezzjonijiet eċċ. li tkun qiegħda f'databases differenti sejra tinġabar flimkien. L-informazzjoni dwar emissjonijiet li huma potenzjalment illegali li tiġi minn CleanSeaNet, is-sistema ta' satelliti Ewropea tal-Aġenzija għall-intraċċar ta' tixrid taż-żejt, sejra tingħaqad mal-informazzjoni tat-traffiku għall-istess żona tal-baħar minn SafeSeaNet u ma' immaġini mis-satellita f'ħin reali. Taħt it-titolu ġenerali ta' Servizzi ta' Appoġġ Marittimu, dan il-one-stop-shop huwa maħsub li jibda jopera matul il-ġurnata kollha mit-tieni nofs tal-2009. Għalhekk l-Aġenzija qiegħda tikber biex issir il-fornitur l-aktar importanti ta' dejta marittima dwar u għall-Unjoni Ewropea.

Figura 4. Ċentru ta' Dejta tal-LRIT



B'segwitu għall-Blue Book dwar Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea, u għall-Istrateġija ta' għaxar snin għat-trasport marittimu u l-inizjattivi sussegwenti fil-qasam tas-sorveljanza marittima bħala l-pedament tiegħu, l-Aġenzija sejra tkompli tiżviluppa r-relazzjonijiet ta' ħidma tagħha ma' Aġenziji tal-UE u inizjattivi Ewropej oħrajn biex tiġi skambjata informazzjoni relatata mal-bastimenti. Fejn ikun possibbli, l-Aġenzija sejra tipparteċipa f'attivitajiet li jkunu qed isiru u li jkunu immirati speċifikament biex jinħoloq netwerk Ewropew għas-sorveljanza marittima. Hija se tgħin lill-Kummissjoni billi toffri l-kompetenzi tekniċi li tkun kisbet waqt l-iżvilupp tas-SafeSeaNet u applikazzjonijiet marittimi relevanti oħrajn. U hija sejra teżamina mill-ġdid is-sistemi ta' informazzjoni marittima biex tippermetti t-tixrid ta' informazzjoni lil korpi u Aġenzija tal-UE oħrajn għall-finijiet ta' sorveljanza marittima.



# PROSPETTI



L-EMSA hija Aġenzija relattivament żagħżugħa. Kien biss f'Mejju tal-2003 li grupp pijunier ta' sitt persuni beda l-ewwel attivitajiet tiegħu. Sar progress kbir fl-ewwel ħames snin tagħha, biex tinħoloq organizzazzjoni li tkun kapaċi twettaq il-kompiti li jiġu fdati lilha mil-leġiżlatur tal-UE. Is-sena 2006 kienet ta' sinifikat partikolari għaliex din rat lill-Aġenzija timxi minn Brussell għal Lisbona fil-Portugal, is-sede tal-kwartieri uffiċjali tagħha.

L-attivitajiet kollha relatati mal-implimentazzjoni adegwata tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tas-sikurezza marittima u l-prevenzjoni mit-tniġġis baqgħu ta' prijorità. Hekk kif qed noqorbu lejn l-2010, l-Aġenzija ġiet imsaħħa b'mod konsiderevoli u l-attivitajiet ewlenin tagħha twessgħu u ġew ikkonsolidati. Is-sena 2009 timmarka t-tieni tragward simboliku, b'aktar minn 200 impjegat jittrasferixxu ruħhom għal uffiċċji permanenti u mibnija apposta fiċ-ċentru ta' Lisbona.



It-tiftix għal soluzzjonijiet tal-problemi komuni, fi djalogu kontinwu ma' esperti mill-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u, fejn xieraq, l-industrija, hija proprju fil-qalb tal-attivitajiet tal-Aġenzija. Dan huwa proċess dinamiku ħafna, hekk kif Stati Membri ġodda jsiru jagħmlu parti integrali mill-attivitajiet u hekk kif tikber il-firxa tas-suġġetti li jitolbu approċċ komuni fuq livell internazzjonali u fuq livell tal-UE.



# GĦALL-2015

Ħafna proposti ġodda għal żviluppi politiċi u għal żviluppi leġiżlattivi fl-UE jinsabu fi stat avvanzat, u l-adozzjoni tagħhom fil-futur hija mistennija li tħalli impatt dirett fuq il-ħidma tal-Aġenzija.

F'dan il-kuntest vibranti, il-perjodu li jwassal għall-2015 huwa mistenni li jġib miegħu kemm kompiti ġodda kif ukoll espansjoni tal-kompiti eżistenti. B'mod partikolari fil-qasam tas-sorveljanza marittima, l-EMSA żviluppat kapaċitajiet qawwija fl-inkroċju u fl-analiżi tad-dejta. L-EMSA qiegħda f'qasir żmien issir il-faċilitatur ċentrali u l-fornitur ewlieni ta' informazzjoni marittima. U kull fejn l-attivitajiet ta' xi firxa ta' awtoritajiet jew servizzi jmissu ma' xulxin — sikurezza marittima, kontroll fuq il-fruntieri, difiża, sajd — hemm skop għal żviluppi ulterjuri, kooperazzjoni msaħħa u integrazzjoni. Permezz tal-ħidma flimkien aħna nistgħu nilħqu l-mira komuni tagħna ta' tbaħħir ta' kwalità, ibħra iktar sikuri u oċeani aktar nodfa.



Kif tikseb pubblikazzjonijiet tal-UE
Il-pubblikazzjonijiet tal-UE huma disponibbli mill-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu), fejn inti tista' tħalli ordni mal-aġent tal-bejgħ tal-għażla tiegħek. L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu netwerk ta' aġenti tal-bejgħ mad-dinja kollha. Inti tista' tikseb id-dettalji ta' kuntatt tagħhom billi tibgħat faks lil (352) 29 29-42758.

Krediti għar-ritratti
Persunal tal-EMSA, José R. Rodríguez Montero, Pembrokeshire Coast National Park Authority/TivThomas, Marine Photobank/RussianDoors,Flickr Creative Commons/a.o. Mickefi, shaireproductions, enidanc, PembrokeshireDave, Superlative Retrospectiveness,Håkan Dahlström, MrHayata.

Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima
Tbaħħir aktar sikur u nadif fl-Unjoni Ewropea
Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej
20pp. 21.0x29.7 cm

EMSA

TN-81-09-559-MT-N

## Dwar l-EMSA

L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima hija waħda mill-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni Ewropea.

Ibbażata f'Lisbona, l-Aġenzija tipprovdi assistenza teknika lill-Kummissjoni Ewropea fl-iżvilupp u fl-implementazzjoni ta' leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sikurezza marittima. Hija ngħatat ukoll kompiti operattivi fil-qasam tar-rispons għat-tniġġis miż-żejt, monitoraġġ bis-satelliti u fl-identifikazzjoni u l-intraċċar tal-bastimenti minn distanzi twal.



www.emsa.europa.eu

Publications Office
Publications.europa.eu

AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SIGURTÀ MARITTIMA